C/2024/4502

11.7.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11547 – FASTIGHETS BALDER / FOLKSAM ENTITIES / SINOMA FASTIGHETS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4502)

1. Fl-4 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fastighets AB Balder ("Balder", l-Iżvezja),

— Folksam ömsesidig livförsäkring, Folksam Tjänstepension AB, KPA Tjänstepensionsförsäkring AB (publ.) u Folksam ömsesidig sakförsäkring ("Folksam", l-Iżvezja),

— Sinoma Fastighets AB ("Sinoma", l-Iżvezja), ikkontrollata minn Folksam.

Balder u Folksam se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Sinoma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma minn Balder.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— għal Balder: is-sjieda, l-immaniġġjar u l-iżvilupp ta' proprjetajiet residenzjali u kummerċjali, inklużi lukandi, flimkien ma' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni fl-Iżvezja,

— għal Folksam: assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, assigurazzjoni għall-pensjoni u varjetà ta' soluzzjonijiet għal tfaddil tal-pensjoni u tfaddil fit-tul ieħor fl-Iżvezja,

— għal Sinoma: l-akkwist, il-ġestjoni, ir-rinnovazzjoni u s-sjieda ta' proprjetà immobbli u ta' titoli, b'enfasi fuq oġġetti ta' industrija ħafifa, mħażen/loġistika, u proprjetajiet ta' uffiċċji fl-Iżvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11547 – FASTIGHETS BALDER / FOLKSAM ENTITIES / SINOMA FASTIGHETS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË